**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAL-15 TA' LULJU, 2021**

**Kawza Numru: 7**

**Rik. nru. 552/2018 RGM**

**Rikors ta' Paul Cutajar tat-30 ta' Mejju 2018**

**fl-atti ta' Ittra Uffiċjali numru 1224/18**

**ippreżentata fl-10 t'April, 2018 ai termini tal-Artikolu**

**253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-ismijiet:**

**Michael Darmanin bħala direttur u għan-**

**nom tas-socjeta` Clean Away Service Limited**

**Vs**

**Paul Cutajar**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ta' Paul Cutajar** ipprezentat fit-30 ta' Mejju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:

**Dikjarazzjoni dwar l-Oggett tal-Kawza u l-Fatti**

1. Illi fl-14 ta' Mejju 2018, l-esponenti rcieva ittra ufficjali datata 10 t'April 2018 hawn annessa u mmarkata bhala **Dok A,** li permezz taghha l-intimat noe nterpellah sabiex ihallas lis-socjeta` Clean Away Service Limited is-somma ta' ghoxrin elf, erba' mija u sitt Ewro (€20,406) bhala hlas ta' kambjali u imghax fuq l-istess kambjali, a tenur tal-Artikolu 253((e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-esponenti qed jikkontesta li huwa debitur tal-intimat noe u dan ghar-ragunijiet segwenti:

**Raguni ghat-Talbiet f'dawn il-Proceduri**

1. Illi bhala hlas ghas-saldu tax-xoghol li sar mis-socjeta` intimata, r-rikorrenti kien ikkonsenja trakk (*scammel*) tal-ghamla 'Denis' flimkien ma' pagament ta' tlett elef u hames mitt Ewro (€3,500) lill-istess socjeta` u dan cirka seba' snin ilu;

2. Illi fi kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimat qed jippretendi l-hlas ta' kambjali li hafna minnhom huma preskritti a tenur tal-Artikolu 542 tal-kodici tal-kummerc, Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi ghalhekk l-esponenti jirritjeni illi huwa m'ghandu jaghti ebda ammont lill-intimat noe.

**Talbiet**

Jghid ghalhekk ir-rikorrenti (recte: l-intimat), prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara li r-rikorrenti m'ghadux debitur tas-socjeta` intimata u dana stante illi l-istess rikorrenti kien hallas l-ammont kollu dovut ghas-saldu permezz tal-ghotja tal-i*scammel* u pagament ta' tlett elef u hames mitt ewro (€3,500) lill-istess socjeta` intimata, u ghalhekk tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjali kollha annessi mal-ittra ufficjali Dok A;

2. Tiddikjara l-kambjali datati mill-1 t'Awwissu 2011 sal-1 ta' Mejju 2013, u cioe` dawk enumerati mill-5 sas-26, huma preskritti bil-ligi skond l-Artikolu 542 tal-Kodici tal-Kummerc, Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta u kwindi tissospendihom definitivament.

Bl-ispejjez, inkluz l-interessi legali, kontra l-intimat noe li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-**Risposta ta' Clean Away Service Limited** prezentata fl-4 ta' Lulju, 2018, fejn jinghad kif gej:

i. Illi preliminarjament Paul Cutajar m'huwiex qed jikkontesta kwalunkwe aspett formali tal-Kambjali u ghaldaqstant il-kambjali kollha de quo, kif indikati fl-Ittra Ufficcjali tal-10 t'April 2018 (Ittra Nru 1224/2018), huma validi ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

ii. Illi preliminarjament s-socjeta' esponenti teccepixxi illi ladarba Paul Cutajar qieghed jitlob dikjarazzjoni li sar hlas a saldu, din ghandha titqies bhala pregudizzjali ghat-talba ghal dikjarazzjoni illi il-kambjali li kienu dovuti mill-1 t'Awwissu 2011 sal-1 ta' Mejju 2013 u cioe' dawk enumerati mill-5 sas-26 huma preskritti, bil-konsegwenza illi t-tieni talba ghandha ta' bilfors tigi michuda.

iii. Illi Paul Cutajar naqas milli jgib ragunijiet validi ai termini tal-Art 253(3) tal-Kap 12 sabiex jopponi ghall-ezekuzzjoni tal-kambjali relattivi.

iv. Illi f'kull kaz, mhux minnu illi l-ammont mitlub huwa saldat stante illi l-ebda scammel ma gie moghti lis-socjeta' mittenti u qatt ma gie maqbul l-ebda prezz ghal ebda scammel, u lanqas ma hu minnu li sar ebda pagament fl-ammont ta' € 3,500 tant li l-kambjali kollha ghadhom f'idejn is-socjeta' esponenti.

v. Illi lanqas ma hu minnu illi ebda ammont dovut ai termini tal-ittra ufficcjali relattiva huwa preskritt stante illi Paul Cutajar stess diversi drabi ikkonferma ma' Richard Darmanin, li huwa ex-direttur tas-socjeta' esponenti, li l-ammonti indikati fl-ittra ufficcjali kienu ser jithallsu u dan senjatament, permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Peter Carbonaro datat 31 ta' Marzu 2011(hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A'), fejn l-istess Paul Cutajar kien ikkostitwixxa ruhu kreditur cert, veru u likwidu tas-socjeta' esponenti, kif ukoll permezz ta' skrittura privata datata 18 ta' Settembru 2012 kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'B', u kif ukoll peress illi l-istess Paul Cutajar kien nhar l-4 ta' Mejju 2015 wara li ltaqa' ma' l-istess Richard Darmanin il-Qorti, kien hallas pagament ta' € 50 bhala rikonoxximent tad-dejn kollu li kellu mas-socjeta' esponenti.

vi. Salv kull eccezzjoni ohra premissibbli skond il-Ligi.

Bl-ispejjez.

Semgħat ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza;

Ikkonsidrat;

**Fatti Anteċedenti l-Kawża**.

Fl-10 ta' April 2018 is-soċjeta' intimata Clean Away Service Limited ippreżentat ittra uffiċjali konta r-rikorrent Paul Cutajar li permezz tagħha interpellatu jħallas is-somma ta' €20,406 allegatament rappreżentanti l-import ta' numru ta' kambjali li kopja tagħhom ġiet annessa mal-imsemmija ittra uffiċjali. Dawn il-kambjali ġew kollha iffirmati mir-rikorrent fl-1 ta' April 2011, huma enumerati min-numru 5 san-numru 61 bid-data tal-iskadenza rispettiva mill-1 ta' Awissu 2011 sal-1 ta' April 2016.

Fil-jum ta' qabel ma ġew iffirmati l-imsemmija kambjali, u cioe' fil-31 ta' Marzu 2011, il-partijiet resqu fuq kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ppubblikat min-Nutar Dottor Peter Carbonaro li permezz tiegħu ir-rikorrent Paul Cutajar ikkostitwixxa ruħu veru, ċert u likwidu debitur tas-soċjeta' intimata fis-somma ta' €18,286.00 rappreżentanti "sorte u mano d'opera maghmula mil-imsemmija kumpanija u sad-data tallum mhux mhallsa". Ftehmu wkoll illi l-imsemmija somma kellha titħallas b'rati mensili ta' €300.00 l-wieħed bl-imgħax ta' 8% a scaletta.

Fit-18 ta' Settembru 2021 Paul Cutajar u Richard Darmanin iffirmaw skrittura privata li permezz tagħha inter alia Paul Cutajar iddikjara "li ser jibda jħallas il-kambjali li ga lesti fl-ewwel ta' Ottubru 2012".

Fl-affidavit tiegħu[1] r-rikorrent Paul Cutajar jispjega illi snin ilu huwa kien armat bit-trakkijiet li bihom jinġabar l-iskart u kull meta kien ikollu ħtieġa ta' tiswijiet fihom kien imur għand is-soċjeta' intimata. Isemmi il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li sar quddiem in-Nutar Carbonaro kif ukoll il-kambjali li ffirma mertu ta' dawn il-proċeduri. Jgħid illi l-import kollu tal-kambjali ġie saldat bil-ħlas tas-somma ta' €3,500 kif ukoll bil-konsenja ta' truck li kien jiswa Lm7,000. Jiċħad li huwa ffirma l-iskrittura fuq imsemmija tat-18 ta' Settembru 2012 kif ukoll jiċħad illi huwa ħallas somma ta' €50 akkont kif qed tallega s-soċjeta' intimata.

In kontro-eżami ir-rikorrent Paul Cutajar[2] jikkonferma illi l-kambjali kien iffirmhom in konnessjoni mal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu. Sostna illi t-truck li jsemmi fl-affidavit kien ġie importat minn ċertu Salvu tal-Manikata iżda l-karti qatt ma kienu daru fuqu. Sa fejn jaf hu it-truck għadu għand is-soċjeta' intimata iżda ma setax jgħid jekk it-truck qatt dar fuq is-soċjeta' intimata mal-awtoritajiet kompetenti. Xhed illi huwa ma ffirmax l-iskritturi li eżebiet is-soċjeta' intimata.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat l-affidavit ta' Richard Darmanin.[3] Darmanin spjega x'wassal għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitur fuq imsemmi u l-iffirmar tal-kambjali mertu tal-kawża odjerna liema kambjali għadhom fil-pussess tas-soċjeta' intimata. Xhed illi wara l-iffirmar tal-kuntratt u tal-kambjali de quo r-rikorrent Cutajar kien effettwa żewġ pagamenti akkont, €420 fid-9 ta' April 2011 u €420 fl-20 ta' Mejju 2011. Ix-xhud spjega illi meta ra li Cutajar ma baqax jeffettwa l-pagamenti mensili miftehma kien beda jcempillu sabiex jottempera ruħu mal-pagamenti miftehma iżda għalkemm Cutajar kien iwegħdu li ser jeffettwa l-pagamenti dovuti, kien jibqa' inadempjenti. Jispjega x'kien wassal għall-iffirmar tal-iskrittura tat-18 ta' Settembru 2012. Jgħid li din l-iskrittura ġiet

[1] Fol. 63
[2] Seduta tal-25 ta' Mejju 2021
[3] Fol. 69

iffirmata minnu u mir-rikorrent Cutajar quddiem it-tifla ta' Darmanin. Xhed illi nonostante dak imwiegħed minn Cutajar fuq dik l-iskrittura, Cutajar li trasferixx t-truck imsemmi u lanqas effettwa pagamenti. Xhed illi fl-4 ta' Mejju 2015 meta b'kumbinazzjoni kien iltaqa' ma' Cutajar fl-edifiċju tal-Qorti, Cutajar kien tah is-somma ta' €50.00

Xheda b'affidavit Michael Darmanin, direttur tas-soċjeta' intimata. Jikkonferma li l-ammont dovut jirrappreżenta prezz ta' servizzi li s-soċjeta' intimata tat lil Cutajar. Jikkonferma li l-ammont kollu reklamat fl-ittra uffiċjali fuq imsemmija għadu dovut.

Xhedet Catherine Zammit permezz ta' affidavit.[4] Spjegat li hija ilha snin twal tieħu ħsieb l-aspett amministrattiv tal-kumpanija intimata u li kienet spiss iċċempel lil Cutajar sabiex iħallas wara li kien waqaf jagħmel il-pagamenti. Xhedet illi Cutajar ma kienx jiċħad li għandu jagħti. Għall-kuntrarju kien jgħidilha li ser iħallas. Imbagħad saru l-kambjali u l-kuntratt ta' kostituzzjoni fuq imsemmi. Xhedet illi apparti t-tlett pagamenti imsemmija minn Richard Darmanin fix-xhieda tiegħu, ir-rikorrent Cutajar ma effettwa l-ebda pagament ieħor.

Xhed Simon Darmanin, direttur ieħor tal-kumpanija intimata, li ċaħad li wara li Cutajar iffirma l-kambjali huwa kien għamel il-pagament ta' €3,500 allegat minn Cutajar, jew li Cutajar ittrasferixxa xi truck a favur is-soċjeta' intimata bħala parti mill-ħlas dovut.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

L-azzjoni odjerna hija proċedura msejsa fuq l-**Artikolu 253 (e) tal_Kap.12** li testwalment jipprovdi illi kambjali jitqiesu titolu eżekuttivi

> "(e) [...] B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew *promissory note* tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi

[4] Fol. 79

l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew *promissory note* esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew *promissory note* tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ."

Minn qari ta' l-imsemmi provvediment jidher ċar li hemm żewġ raġunijiet għaliex l-eżekuzzjoni tal-kambjala tista' tiġi sospiża, ċioe li l-firma ma tkunx tal-persuna jew mandatarju tagħha u/jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi għall-oppożizzjoni ta' l-eżekuzzjoni. F'dak il-każ il-persuna li teżiġi l-ħlas tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjoni tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Magħdud ma' dan, fi proċeduri bħal dik odjerna għandha ssir distinzjoni bejn kambjala ġirata lil terzi u kambjali li ma tkunx ġiet iġġirata. Kambjali ġirati lil terzi – *a contrario* ta' dawk li ma jkunux – jakkwistaw natura awtonoma u indipendenti mill-obbligazzjoni li fuqha tkun inħarġet il-kambjala. Fi kliem ieħor kambjala mhux ġirata ma tistax timxi waħedha mingħajr referenza għal ftehim li wassal għal ħruġ tagħha.

In tema legali ssir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **John Giordimaina vs. Joseph Pace et** (Ċit Nru 3391/1996/2) deċiża fis-16 ta' Jannar 2003, fejn għamlet din l-osservazzjoni fir-rigward:

"Din il-Qorti tried tirrimarka ukoll li meta kambjala tibqa fil-patrimonju tal-kredituri tal-obbligazzjoni (cioe` ma tigix girata), ma takkwistax natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok ghall-istess

kambjala. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun girgata li din takkwista valur "on the face of it", u allura ikun dipendenti fuq dak li johrog u jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu maghruf, ma tohloqx novazzjoni, meta tibqa f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tigi distakkata mill-obbligazzjoni originali.

L-iskop ta' kambjala hija li tista tigi girata malajr u meta tigi girata takkwista karattru awtonomu. Minghajr kambjala, kreditur jista jaghmel kuntratt ta' cessjoni ta' dritt taht il-ligi civili, pero`, fil-konfront tat-terz akkwirent, id-debitur xorta jkun jista jissolvela eccezzjonijiet li jolqtu n-negozju. Ghalhekk, ghall-kreditur, dan id-dritt ta' cessjoni ma tantx hu effettiv ghax ma tantx issib nies lesti jiehdu kreditu ta' haddiehor, u fl-istess hin jibqghu esposti ghall-kwistjonijiet inerenti ghal-obbligazzjoni li ghalih ma kienux parti. Ghalhekk inholqot il-kambjala. Peress li minn jixtri kambjala, qed jixtri titolu ta' kreditu awtonomu, jaf li kwistjonijiet naxxenti mill-obbligazzjoni li waslet ghall-dak il-kreditu, jibqghu estranei ghalih, ghax hu, bhala terz akkwirent, jista jfittex biss fuq il-kambjala. Bejn il-partijiet, pero`, il-kambjala m'ghandiex ikollha din in-natura ghax il-kambjala tkun biss prova tad-dejn li inholoq bejn l-istess partijiet, u allura l-obbligazzjonijiet reciproci tal-istess partijiet huma rilevanti ghall-kull kawza li ssir ghall-hlas. Fi kliem iehor, azzjoni fuq kambjala bejn il-partijiet li hargu l-istess, ma tistax timxi wahedha minghajr riferenza ghall- ftehim li wassal ghall-hrug taghha (ara "Scicluna vs Vella", Qorti tal-Kummerc, 18 ta' Marzu, 1965)."[5]

In oltre ġie ritenut li meta l-kambjala ma tkunx ġiet ġirata u tibqa' f'idejn il-kreditur oriġinali, id-debitur jista' jqanqal eċċezzjonijiet personali, bħal-kompensazzjoni, il-pagament, jew il-maħfra totali jew parzjali tal-ammont kambjarju. Dan magħdud it-twaqqif tal-eżekuzzjoni ma jridx jitħallat mal-kwestjoni tas-siwi tal-kambjala jew ma' raġuni għat-tħassir tagħha, liema

[5] Ara wkoll **Dr. Ivan Gatt noe vs. Antoine Bartolo** (App Ċiv 1177/2018) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-12 ta' Lulju 2019 kif ukoll il-ġurisprudenza hemm ikkwotata.

eżerċizzju ma jsirx taħt il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12, iżda b'kawża mressqa appożitament.

Il-proċedura odjerna hija waħda sommarja, fejn l-indaġni li trid tagħmel din il-Qorti hija waħda ta' *prima facie,* u għalkemm huwa minnu li l-liġi ma tagħmilx referenza speċifika għal 'prima facie' jew 'mad-daqqa t'għajn', il-bon sens jitlob li l-analiżi dettaljata għandha ssir fil-proċeduri li jsiru skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Dan iwassal ukoll għall-ħsieb li l-leġislatur ried li kawżi bbażati fuq kambjali jitmexxew u jiġu deċiżi b'ħeffa insolita u għalhekk huma biss ammissibbli eċċezzjonijiet li ma jinħtieġux eżami fit-tul. In tema legali ssir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet **Charles Gatt noe vs. Joseph Vassallo Gatt noe** mogħtija fil-15 ta' Novembru 1993 fejn ġie ritenut li:-

> "Huma biss ammissibbli eċċezzjonijiet li jkunu ta' faċli soluzzjoni. Eċċezzjonijiet li jinħtieġu eżami fit-tul ma jistgħux jingħataw u jekk dawn jingħataw dawn ma jiġux ikkunsiderati u deċiżi fl-istess kawża kambjarja, billi diversament il-kanonizzazzjoni u l-ħlas ta' l-import tal-kambjali jkun konsiderevolment irritardat u mtawwal. Dan mhux permess, għax altrimenti jintilef l-iskop kollu ta' l-istitut kambjarju li hu li jaġevola ċ-ċirkostanzi mgħaġġla tal-krediti kummerċjali."

Hekk kif l-eċċezzjonijiet li jistgħu jitressqu f'*actio cambiaria* huma limitati (u dan skont l-**Artikoli 197 u 198 tal-Kapitolu 13**), hekk ukoll huma limitati r-raġunijiet li a bażi tagħhom wieħed jista' jitlob sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala. Kif jipprovdi l-Artikolu 253 (e) tal-Kapitolu 12, fuq ċitat, ir-raġunijiet għas-sospensjoni huma (a) meta l-firma fuq il-kambjala ma tkunx verament tal-persuna li allegatament iffirmata, u/jew (b) meta jkun hemm raġunijiet oħra gravi u validi li jiġġustifikaw tali sospensjoni.

Il-liġi ma tispeċifikax x'inhuma r-raġunijiet gravi u għalhekk tħalliet fid-diskrezzjoni tal-Qorti sabiex tiddetermina liema huma dawk ir-raġunijiet

gravi. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Michael Attard Ltd vs. Turista Ltd** (Ċit Nru 785/2012) mogħtija fit-22 ta' Novembru 2012 osservat illi dawn ir-raġunijiet "gravi u validi" li jiġġustifikaw is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali ma jistgħux ikunu usa mir-raġunijiet kontemplati mil-liġi kummerċjali biex iżommu milli l-kambjala titħallas.

Fil-kawża **Daniel Zerafa pro et noe vs. 240 Contracting Ltd gia Allfix Ltd** (Ċit Nru 667/2013), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Settembru 2013 ikkunsidrat x'jista' jikkwalifika bħala raġunijiet "gravi u validi":

> "It-twaqqif tal-eżekuzzjoni ma jridx jitħallat mal-kwistjoni tas-siwi tal-kambjala jew ma' raġuni għat-tħassir tagħha, liema eżerċizzju ma jsirx taħt il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12, iżda b'kawża mressqa bil-mod ordinarju għal dak il-għan. Għalhekk, per eżempju, jidher li jekk kemm-il darba jintwera mad-daqqa t'għajn li l-kambjala tkun inħarġet bi vjolenza fuq il-persuna li ġibditha jew jekk tkun saret għal għanijiet li jiksru xi liġi, dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jitqiesu bħala "gravi" biex iservu ħalli titwaqqaf l-eżekuzzjoni tagħhom, sakemm l-azzjoni għat-tħassir tal-istess kambjali tkun tista' titressaq u tkun mistħarrġa minn qorti. Hekk ukoll hija raġuni tajba għaż-żamma tal-eżekuzzjoni ta' kambjala fejn l-intima bl-ittra ġudizzjarja ssir kontra persuna li ma tidher imkien fuq l-istess kambjala, jew fejn il-kambjala tkun inħarġet bla ma jissemma l-kreditur tagħha."

Hekk meqjusa l-prinċipji ġenerali imiss issa jiġu applikati għall-każ odjern.

Ikkunsidrat;

Ir-rikorrent Paul Cutajar mhux qiegħed jikkontesta li l-firem fuq il-kambjali in kwistjoni huma tiegħu. Ir-rikorrent jikkonferma li huwa iffirma dawk il-kambjali.

Ir-raġunijiet imressqa minn Cutajar għaliex skond hu l-Qorti għandha tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjali huma:

1. Il-ħlas tagħhom bil-pagament ta' €3,500 kif ukoll bil-konsenja ta' truck;
2. Il-kambjali huma preskritti.

**Ħlas**.

Appena huwa neċessarju jiġi sottolineat illi min jallega jrid jipprova. Mill-provi mressqa mir-rikorrent Cutajar la jirriżulta l-pagament allegat ta' €3,500 u lanqas it-trasferiment ta' truck bħala pagament akkont ta' dak dovut. Ir-rikorrent Cutajar ma kienx konsistenti fir-rigward. F'mument minnhom jgħid li t-truck ittrasferih lil terza persuna li kellha tħallas lis-soċjeta' intimata minflok lilu u f'mument ieħor jixhed illi it-truck ittrasferih lis-soċjeta' intimata.

Dwar il-pagament allegat ta' €3,500, is-soċjeta' intimata tiċħad li rceviet tali pagament. Kien jispetta lil Cutajar li jressaq l-aħjar prova fir-rigward una volta li l-pagament allegat ġie kontestat. Cutajar la ppreżenta riċevuta fir-rigward u lanqas provi dwar kif tali pagament sehh. Għalhekk il-verzjoni ta' Cutajar mhiex titqies veritiera.

Dwar l-allegazzjoni ta' Cutajar li huwa ħallas parti mill-ammont dovut bil-mezz ta' trasferiment ta' truck lis-soċjeta' intimata; anke hawn Cutajar naqas milli jġib provi sodisfaċenti. Apparti li r-rappreżentanti tas-soċjeta' intimata kollha ċaħdu li t-truck li jsemmi Cutjar ġie mgħoddi lis-soċjeta' intimata; Cutajar naqas ukoll li jressaq il-prova li t-truck ġie reġistrat fuq is-soċjeta' intimata mal-awtoritajiet kompetenti. Fin-nuqqas ta' tali prova l-Qorti ma tistax tqis li t-truck ġie trasferit għaliex trasferiment ta' vettura jeħtieġ li jsir fil-forma skritta u reġistrat mal-awtoritajiet kompetenti.

Għaldaqstant il-kawżali tal-ħlas imressqa mir-rikorrent Cutajar qed tiġi respinta.

**Preskrizzjoni**.

Raġuni oħra mressqa mir-rikorrent Cutajar għaliex il-Qorti għandha tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjali de quo hi peress li jikkontendi li l-kambjali huma preskritti ai termin tal-Artikolu 542 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap.13).

**Artikolu 541 tal-Kap 13**:- "Iz-zminijiet kollha stabbiliti bid-disposizzjoni ta' dan il-Kodici ghall-ezercizzju ta' azzjonijiet jew regressi li gejjin minn atti kummercjali, huma perentorji; u l-beneficcju tar-restitutio in integrum bis-sahha ta' titolu, motiv jew privilegg li jkun, ma jghoddx."

**Artikolu 542 tal-istess Kodici** : "Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 238, 239 u 263, l-azzjonijiet li gejjin minn kambjali jew minn biljetti negozjabbli jew promissory notes jaqghu bil-preskrizzjoni wara hames snin minn dakinhar li jaghlqu, u l-azzjonijiet li gejjin minn tratti jew cheques fuq bankiera jew kaxxiera jaqghu bil-preskrizzjoni wara hames snin mid-data taghhom"

Il-ġurisprudenza prevalenti fir-rigward hi illi t-terminu ta' ħames snin fir-rigward tal-kambjali kontemplat fl-Artikolu 542 appena ċitat huwa wieħed ta' dekadenza li allura la jista' jiġi interrott u lanqas sospiż.

Fis-sentenza "**Joseph Petroni noe vs Joseph Zahra**", deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-7 ta' Dicembru 1997 ġie ritenut illi, "Ghalhekk, ghalkemm il-Kodici Kummercjali, fl-Artikoli ta' wara l-art. 633 (541) jsemmi "preskrizzjoni" din, minhabba l-art. 633 (541) titqies preskrizzjoni perentorja, li ma tistax tkun hlief dekadenza, altriment kif osservat anke l-ewwel qorti, l-Art. 633 (541) jsir ghal kollox inutili, u interpretazzjoni li twassal ghas-superfuwita' ghandha tigi evitata."

Fis-sentenza **Anthony Sammut vs Joseph Peeters et**. deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2002, il-Qorti irriteniet it-terminu in diżamina bħala wieħed ta' dekadenza:

"…..l-ewwel artikolu tat-Titolu I tat-Taqsima IV tal-Kap 13 ma jhalli ebda dubbju x'ried il-legislatur. Infatti huwa hemm dikjarat, bla ebda dubbju ta' xejn, li z-zmienijiet kollha stabbiliti b'disposizzjoni ta' dan il-Kodici ghall-ezercizzju ta' azzjonijiet jew regressi li gejjin minn atti kummercali,huma perentorji ....." Isegwi li l-azzjonijiet li jirrigwardaw "operazzjoni dwar kambjali" li, skond il-paragrafu (c) ta' l-artikolu 5 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta, huma atti ta' Kummerc, ma jistghux hlief jintlaqtu bit-terminu "perentorju" ossia "ta' dekandenza" u l-kelma "preskrizzjoni" uzata fl-artikolu 542 tal-Kap 13 hija biss intiza biex tindika t-terminu li fih ghandha tingieb l-azzjoni."

Stabbilit illi t-terminu ta' ħames snin fir-rigward tal-kambjali huwa wieħed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni, isegwi illi l-ebda pagament akkont jew wegħda ta' ħlas ma tinterrompi t-terminu ta' ħames snin in kwistjoni. Għalhekk anke jekk il-Qorti kellha temmen il-verżjoni mogħtija minn Richard Darmanin u x-xhieda l-oħra mressqa mis-soċjeta' intimata dwar il-wegħdiet ta' ħlas da parti ta' Cutajar jew inkella dwar il-pagament akkont ta' Lm50, dawn ma interrompewx it-terminu ta' dekadenza applikabbli għall-kambjali mertu ta' dawn il-proċeduri.

Jirriżulta mill-atti illi l-kambjali in kwistjoni skadew mill-1 ta' Settembru 2011 sal-1 ta' April 2016.

L-ittra uffiċjali *de quo* ġiet ippreżentata fl-10 ta' April 2018. Isegwi għalhekk illi dawk il-kambjali li saru dovuti mill-1 ta' Settembru 2011 sal-1 ta' April 2013 huma *prima facie* perenti. Dawk li għalqu u saru dovuti mill-1 ta' Mejju 2013 'il quddiem ma humiex *prima facie* perenti.

Għaldaqstant tqis illi fir-rigward tal-kambjali min-numru 6 san-numru 25 it-talba tar-rikorrent hija ġustifikata filwaqt li ma tqisx ġustifikata t-talba fir-rigward tal-kambjali min-numru 26 san-numru 61.

**Deċide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors ta' Paul Cutajar tat-30 ta' Mejju 2018 billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet imressqa mis-soċjeta' intimata Clean Away Service Limited konformement ma' dak hawn deċiż,

1. Tiċħad l-ewwel talba tar-rikorrent;

2. Tilqa' parzjalment it-tieni talba, tiddikjara illi hemm raġunijiet ġravi u validi kif fuq spjegat sabiex tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjali min-numru sitta (6) san-numru ħamsa u għoxrin (25); u tiċħad parzjalment it-tieni talba fir-rigward tal-kambjali bin-numru sitta u għoxrin (26) san-numru wieħed u sittin (61).

Bl-ispejjeż in kwantu għal tlett kwarti (3/4) a karigu tar-rikorrent Paul Cutajar u in kwantu għal kwart (1/4) a karigu tas-soċjeta' intimata Clean Away Service Limited.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
15 ta' Lulju 2021

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**